# IL-FUNDERIJA CORNILLE-HAVARD

*Tagħrif miġbur u adattat mill-Franċiż minn* ***Tabita Bonett***



Il-Funderija Cornille-Havard hi l-frott ta' tradizzjoni twila ta' fundara ta' qniepen installati f'Villedieu-les-Poêles lejn l-aħħar tal-Medju Evu. Il-familja Havard kompliet ix-xogħol tal-kuġini tagħha Beatrix, qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża. F'din l-era il-fundara kienu jmorru minn post għal ieħor u jwettqu x-xogħol tagħhom skont kif kienu jiġu ordnati jagħmlu, fi knejjes u monasteri.

Fl-1863, Adolphe Havard, inġinier politekniku kompla x-xogħol ta' missieru Paul u għalhekk il-produzzjoni reġgħet ħadet ir-ruħ.

Léon Cornille, it-tifel tar-rispett ta' Adolphe, li kien ukoll politekniku ħa l-kumpanija f'idu fl-1900. Bintu Marguerite wriet b'dan it-tibdil fl-1946 wara li l-kumpanija għalqet għal xi snin waqt il-gwerra dinjija.

Fl-1981, Françoise u Luigi Bergamo ħadu s-suċċessjoni ta' Marguerite Cornille-Havard li xtaqet tikkonserva l-isem ta' din id-dar venerabbli. Illum dan il-workshop hu miftuħ għall-pubbliku.

Luigi Bergamo, inġinier imlaħħaq mill-iskola Ecole Centrale, ikkonsolida l-istruttura oriġinali filwaqt li daħħal tekniċi iktar moderni. Luigi hu l-ewwel wieħed fid-dinja li mmodella l-qanpiena bil-kompjuter biex jikkontrolla l-akustika u sabiex jikseb metal mill-aqwa fil-qanpiena ħoloq it-teknika li jfondi l-qanpiena bil-kuruna n-naħa t'isfel. Għalhekk, Luigi għamel din l-intrepriża famuża fost l-aqwa f'dan il-qasam. Luigi huwa l-inġinier li qed imexxi l-proġett tal-installazzjoni tal-qniepen tal-knisja tagħna fil-kampnar.

Fl-2001, wara l-ewwel karriera fid-dinja virtwali, t-tifel tiegħu Paul mexxa n-negozju tal-familja biex jiżviluppa u jippromwovi dan it-tagħrif, it-tradizzjonijiet u l-innovazzjonijiet li nġabru matul is-snin. Ma' Virginie, l-mara ta' Paul, huma żvillupaw il-kumpanija flimkien ma' artisti ta' talent filwaqt li ġeddu l-kreazzjoni artistika għal dik iktar kontemporanja.

Il-Funderija Cornille-Havard hi msemmija mal-esperti Ewropej kollha minħabba l-kwalità estetika u l-mużikalità ta' dawn il-qniepen.

## L-Oriġini tal-Qniepen

Il-Qniepen ilhom żmien twil jakkompanjaw il-bnedmin fil-prattiċi reliġjuzi u ċivili. Infatti l-qniepen kemm-il darba jitqiesu bħalha oġġetti sagri.

Fl-antik, il-qniepen kienu jsiru permezz ta' żewġ ċangaturi tal-ħadid maqgħudin bil-viti. Il-qniepen kienu jintużaw mir-Rumani biex isejħu lill-iskjavi u biex iħabbru l-ħin tal-ikel.

Fil-kuntest ekkleżjastiku, il-qniepen bdew bil-mod il-mod jidħlu fl-użu tal-Kristjani mill-Edit ta' Milan fis-sena 313.

Fl-epoka Karolinġjana, ir-regoli tal-monasteri semmew xogħol li kellhom iwettqu l-qniepen. Mit-tmien seklu, il-qniepen kienu jiġu mgħammda b'ilma pur u nadif, midluka biż-żejt sagru u l-balzmu, u jingħatawlhom ismijiet. Il-qies tal-qniepen beda jiżdied ħalli jinstemgħu iżjed ħalli jilħqu iktar fil-bogħod.

L-użu tal-qniepen infirex fl-ibliet fil-bidu tas-seklu XIV u akkompanjaw il-ħajja tan-nies ta' kuljum. F'din l-era il-fundara tal-qniepen bdew jiġu magħrufa. Il-qniepen bdew jintużaw biex idoqqu s-siegħat, iwissu f'każ ta' periklu u jiċċelebraw avvenimenti kbar. Fis-soċjetà tagħna tal-lum, il-qniepen iwasslu messaġġ preċiż, magħrufa minn kulħadd minħabba li ilhom jinstemgħu ta' kuljum mill-Medju Evu. Omnipreżenti fil-ħajja tagħna privata, għaliex huma iżommu r-ritmu s-sigħat kollha ta' ħajjitna. L-użu regolari tal-ħoss ta' dawn il-qniepen

jikkrejaw pajsaġġ ta' ħoss simboliku u huma punt distintiv bejn il-lokalitajiet diversi.

Xi darba l-qniepen kienu simbolu ta' awtorità, t'indipendenza u libertà għall-muniċipalitijiet u l-Knisja. Il-qanpiena hi fuq kollox simbolu ta' identità kulturali.

## Il-Manifattura tal-qniepen

Qanpiena hi l-ewwel u qabel kollox xogħol t'arti, strument mużikali u oġġett sagru b'ħafna simboli konessi magħha.



Biex tagħmel qanpiena l-fundar l-ewwel ipinġi disinn u jibni mudell tal-qanpiena f'xi tip xieraq bħat-tafal jew il-briks. Jekk il-mudell huwa magħmul minn tafal, huwa jitħalla jibbies. Din tissejjaħ il-"qalba", u jkollha l-forma u daqs ta' ġewwa tal-qanpiena li għandha tkun maħduma.

Il-qalba tiġi miksija bit-tafal u "qanpiena falza" hija mmudellata fuqha. Il-qanpiena falza tinkesa bit-tafal,u wara moħmija. Meta l-qanpiena falza tkun birdet, il-fundaturi jneħħu l-qanpiena falza. Wara jpoġġu t-tafal moħmi fuq il-qalba. Fl-ispazju ta' bejn it-tafal u l-qalba, jitferra l-bronz imdewweb fi proċess imsejjaħ 'casting'.

Kull qanpiena tikkorrispondi ma' nota mużikali partikolari u qawwa ta' ħoss. Dawn iż-żewġ fatturi jiddependu fuq il-ġometrija tal-qanpiena. Huwa għalhekk, li sett partikulari bħalma hu s-sett ta' tmienja għall-knisja tagħna jgħaqqad dawn iż-żewġ elementi flimkien biex kull qanpiena tkun tikkumplimenta mal-oħra sew fin-nota u sew fil-qawwa tal-ħoss li tagħmel.

Iktar ma qanpiena tkun kbira iktar ikollha ħoss baxx filwaqt li qanpiena żgħira ikollha ħoss għoli biss dejjem ikun hemm ir-relazzjoni ta' bejn il-kobor u l-ħxuna tal-qanpiena.

## L-installazzjoni tal-ilsien

L-ilsien tal-qanpiena jintuża biex din tkun tista' tindaqq. Attenzjoni speċjali tingħata biex l-ilsien ikollu piż xieraq. Ilsien li hu wisq ħafif mhux se joħroġ t-toni sħiħ tal-qanpiena. Ilsien li jkun itqal jista' jifga d-daqq tal-qanpiena.

Il-qanpiena ssirilha wkoll il-kuruna li tiġi maħduma bl-istess metodu tal-qanpiena. Il-kuruna ssir biex il-qanpiena tintrefa' minnha u b'hekk il-piż tal-qanpiena jitqassam fuq il-kuruna. Din tal-aħħar xi kultant tingħatalha disinn għas-sbuħija. Il-kapaċità li tkun iddisinjata kuruna li tkun sabiħa u fl-istess ħin b'saħħitha biżżejjed biex terfa' l-qanpiena għal snin twal tiddistingwi funderija minn oħra. Fil-każ tal-qniepen tagħna nsibu anġli sbieħ mudellati minn Joe Chetcuti, brunżar magħruf f'Malta.

Wara li tkun fonduta u ħarġet mill-forma, il-qanpiena tgħaddi mill-proċess tal-illustrar tad-disinni skont ix-xewqa tal-patruni tagħha u l-intonazzjoni. Meta dan l-aħħar proċess ikun lest il-qanpiena titlaq mill-funderija fi triqitha lejn il-post ta' fejn ser titwahhal. B'hekk il-qanpiena tibda l-ħajja mużikali u spiritwali tagħha hi ddoqq ir-ritmu kontinwu tal-ġranet.


**BASKAL FARRUGIA**
Motor Mechanic
Sales of Spare Parts & Batteries

'Garnet'
Mgarr Road,
Ghajnsielem GSM 9012,
Gozo

Tel: +356 21551154
Mob: +356 77551154
Fax: +356 21558359
Email: baskalf@gmail.com



JOSEPH P. GRECH F.B.D.O. (Lond.)
Dispensing Optician

28, Main Gate Street,
Victoria, Gozo, VCT 1346, Malta
*Tel* +356 - 2155 0099
*Fax* +356 - 2155 1242
*Mob* +356 - 9982 2770
*Email* jdo@onvol.net
*Web* www.josephopticians.com

DISPENSING OPTICIANS
JOSEPH